Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea

# Rapport ippreżentat skont l-Artikolu 3(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2015/2422 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2015 li jemenda l-Protokoll Nru 3 dwar l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea

## Introduzzjoni

Fis-16 ta' Diċembru 2015, il-leġiżlatur tal-Unjoni Ewropea adotta riforma importanti tal-arkitettura ġudizzjarja tal-Unjoni meta ddeċieda li jirdoppja, fi tliet fażijiet suċċessivi, in-numru ta' Mħallfin fil-Qorti Ġenerali u meta ddeċieda li jittrasferixxi lil din tal-aħħar, fl-1 ta' Settembru 2016, il-kompetenza sabiex tagħti deċiżjonijiet fl-ewwel istanza dwar it-tilwim bejn l-Unjoni u l-membri tal-persunal tagħha, li sa dak iż-żmien kienu jinstemgħu mit-Tribunal għas-Servizz Pubbliku. Kif tindika l-premessa 5 tar-Regolament 2015/2422 [1], l-użu tal-possibbiltà, prevista fit-Trattati, li jiżdied in-numru ta' Mħallfin fil-Qorti Ġenerali deher li kien miżura adegwata sabiex jitnaqqsu, fi żmien qasir, kemm il-volum tal-kawżi pendenti kif ukoll it-tul eċċessiv tal-proċedimenti quddiem din il-qorti. B'dan il-mod, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill indirizzaw l-isfidi marbuta maż-żieda kostanti fin-numru tal-kawżi mressqa quddiem il-qrati tal-Unjoni u man-natura dejjem iktar kumplessa tagħhom, billi taw lill-Qorti Ġenerali r-riżorsi meħtieġa għal amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja.

L-intenzjoni tal-leġiżlatur tal-Unjoni kienet li jiżgura studju effettiv ta' din ir-riforma u tal-effetti tagħha, kemm mill-aspett baġittarju u kemm mill-aspett organizzattiv, strutturali u proċedurali. Għal dan il-għan, il-Qorti tal-Ġustizzja ġiet mistiedna tippreżenta żewġ rapporti lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni: l-ewwel rapport, sa mhux iktar tard mis-26 ta' Diċembru 2017, dwar il-bidliet possibbli fit-tqassim tal-kompetenzi bejn il-Qorti

---

[1] Regolament (UE, Euratom) 2015/2422 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2015 li jemenda l-Protokoll Nru 3 dwar l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 341, 24 ta' Diċembru 2015, p. 14).

tal-Ġustizzja u l-Qorti Ġenerali fil-qasam tad-domandi preliminari; it-tieni rapport, tliet snin iktar tard, dwar il-funzjonament tal-Qorti Ġenerali u, b'mod partikolari, dwar l-effiċjenza ta' din il-qorti, dwar il-ħtieġa u l-effikaċja tal-irdoppjar tan-numru tal-Membri, dwar l-użu u l-effikaċja tar-riżorsi allokati kif ukoll dwar il-possibbiltà li jinħolqu awli speċjalizzati jew li jiġu implementati bidliet strutturali oħra [2].

Dan id-dokument huwa intiż bħala risposta għall-ewwel waħda minn dawn l-istedini. Dan id-dokument jeżamina l-parametri kollha li għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni fi kwalunkwe riflessjoni dwar eventwali trasferiment ta' kompetenza preliminari parzjali lill-Qorti Ġenerali, wara li jfakkar il-qafas ġuridiku u l-kuntest li fihom qiegħda ssir din ir-riflessjoni.

**Il-qafas ġuridiku u l-kuntest**

Kif il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret diversi drabi fil-ġurisprudenza tagħha u fl-iskambji regolari li jkollha mal-qrati tal-Istati Membri, ir-rinviju preliminari huwa l-"element ċentrali" tas-sistema ġudizzjarja tal-Unjoni [3]. Dan ir-rinviju huwa l-istrument li jippermetti li jiġu żgurati interpretazzjoni u applikazzjoni uniformi ta' dan id-dritt permezz tar-rinviju, mill-qrati tal-Istati Membri, ta' domandi li jikkonċernaw l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni jew il-validità ta' atti adottati mill-istituzzjonijiet, mill-korpi jew mill-organi tal-Unjoni [4]. Għalkemm inizjalment dawn il-qrati għamlu użu relattivament limitat minn dan l-istrument, illum il-ġurnata s-sitwazzjoni nbidlet radikalment: il-qrati nazzjonali ma għadhomx jaħsbuha darbtejn qabel iressqu quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja talbiet għal deċiżjoni preliminari, li kull ma jmur qegħdin ikunu iktar numerużi, dwar oqsma dejjem iktar varji [5].

Il-kompetenza preliminari li, bħala prinċipju, hija stabbilita fl-Artikolu 19(3)(b) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u li hija mfassla b'mod espliċitu fl-Artikolu 267 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, hija attwalment eżerċitata esklużivament mill-Qorti tal-Ġustizzja.

---

[2] Ara, f'dan ir-rigward, l-Artikolu 3 tar-regolament iċċitat iktar 'il fuq, li jispeċifika li mar-rapporti għandhom jintbagħtu, jekk ikun il-każ, it-talbiet għal att leġiżlattiv meħtieġa sabiex jiġi emendat l-Istatut.

[3] Opinjoni 2/13 (Adeżjoni tal-Unjoni mal-KEDB), tat-18 ta' Diċembru 2014, EU:C:2014:2454, punt 176.

[4] Dan l-għan huwa barra minn hekk enfasizzat ukoll fid-dokumenti mfassla għall-attenzjoni ta' dawn il-qrati peress li huwa mfakkar sa mill-ewwel punt fir-Rakkomandazzjonijiet lill-qrati nazzjonali dwar ir-rinviji għal deċiżjoni preliminari (ĠU C 439, 25 ta' Novembru 2016, p. 1).

[5] Ara, f'dan ir-rigward, l-istatistika ġudizzjarja ppubblikata fir-Rapporti Annwali dwar l-attività tal-Istituzzjoni kif ukoll it-tabella annessa ma' dan ir-rapport, dwar il-kawżi mressqa matul l-ewwel għaxar xhur tal-2017. Minn 628 kawża ġdida, xejn inqas minn 455 kawża kienu kawżi preliminari, jiġifieri iktar minn 72 % tal-kawżi kollha mressqa quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja matul dan il-perijodu. It-talbiet għal deċiżjoni preliminari ilhom għal diversi snin jirrappreżentaw bejn żewġ terzi u tliet kwarti tal-kawżi mressqa quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja.

Il-possibbiltà li ċerti kawżi preliminari jiġu attribwiti lill-Qorti Ġenerali ma hijiex ġdida. Madwar għoxrin sena ilu, din il-possibbiltà tqajmet fil-kuntest ta' żieda sinjifikattiva fil-volum ta' xogħol taż-żewġ qrati marbuta mal-bidu tat-tielet fażi tal-Unjoni ekonomika u monetarja u mad-dħul fis-seħħ reċenti tat-Trattat ta' Amsterdam kif ukoll fil-kuntest tal-preparazzjoni għal tkabbir mingħajr preċedent, u kienet tinsab b'mod espliċitu, fid-dokumenti u fil-kontribuzzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja u tal-Qorti Ġenerali indirizzati lill-Konferenza Intergovernattiva, bħala waħda mill-possibbiltajiet sabiex jiġi evitat volum ta' xogħol li joħnoq l-attività ġudizzjarja, flimkien ma' miżuri bħat-trasferiment lill-Qorti Ġenerali ta' kategoriji ta' rikorsi diretti ġodda, il-ħolqien ta' awli tal-appell ta' natura ġudizzjarja jew l-iffiltrar tal-appelli [6]. Din il-possibbiltà kienet riflessa formalment fit-testi peress li, skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 256(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, "[i]l-Qorti Ġenerali hija kompetenti sabiex tieħu konjizzjoni tal-kwistjonijiet imressqa għal deċiżjoni preliminari skond l-Artikolu 267, f'oqsma speċifiċi stabbiliti fl-Istatut" [7]. Jekk dan jirriżulta neċessarju, emenda ta' dan it-test tal-aħħar tista' tippermetti, għaldaqstant, l-attribuzzjoni ta' kompetenza preliminari parzjali lill-Qorti Ġenerali.

Madankollu, din il-possibbiltà għadha ma ntużatx sal-lum il-ġurnata. Fil-fatt, fis-snin sussegwenti għad-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Nice, fl-1 ta' Frar 2003, ingħatat prijorità lill-ħolqien tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku u lit-trasferiment, lill-Qorti Ġenerali, tar-rikorsi kollha għal annullament u tar-rikorsi kollha għal nuqqas li tittieħed azzjoni li sa dak iż-żmien kienu jinstemgħu mill-Qorti tal-Ġustizzja, ħlief għal ċerti kategoriji ta' rikorsi ta' natura interistituzzjonali jew ta' rikorsi ppreżentati mill-Istati Membri kontra l-atti tal-leġiżlatur tal-Unjoni. Ir-rinviji għal deċiżjoni preliminari baqgħu taħt il-kompetenza esklużiva tal-Qorti tal-Ġustizzja li, minn dak iż-żmien lil hawn, adottat diversi emendi kunsiderevoli tar-Regoli tal-Proċedura tagħha – kif ukoll diversi miżuri ta' organizzazzjoni interna – li kellhom effetti sinjifikattivi kemm fuq in-numru ta' kawżi maqtugħa mill-qorti u kemm fuq it-tul medju tat-trattament tal-kawżi, li kien wieħed mill-preokkupazzjonijiet il-kbar li wasslu għar-riflessjonijiet imsemmija iktar 'il fuq dwar il-futur tal-arkitettura ġudizzjarja tal-Unjoni.

L-istedina tal-leġiżlatur, li hija s-suġġett ta' dan ir-rapport, tinsab f'kuntest radikalment differenti minn dak prevalenti fil-bidu tas-snin 2000. Filwaqt li fl-2003 kien ta' 25.5 xhur, fl-2016 it-tul medju tat-trattament tal-kawżi preliminari kien ta' 15-il xahar, fatt li, fid-dawl tal-limiti proċedurali u lingwistiċi applikabbli għat-trattament ta' din il-kategorija ta' kawżi, jikkostitwixxu mingħajr dubju tul viċin ħafna l-perijodu minimu assolut. Dan it-tnaqqis fit-tul inkiseb fl-istess waqt li kien hemm żieda sinjifikattiva ħafna fin-numru ta' talbiet għal

[6] Ara, f'dan ir-rigward, id-dokument ta' riflessjoni dwar il-"futur tas-sistema ġudizzjarja tal-Unjoni Ewropea", mibgħut lill-Kunsill f'Mejju 1999, kif ukoll il-kontribuzzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja u tal-Qorti Ġenerali indirizzata, sena wara (April 2000), lill-Konferenza Intergovernattiva.

[7] Ara l-Artikolu 225 KE li ġie rriprodott, mingħajr ebda bidla għajr waħda terminoloġika, fl-Artikolu 256(3) TFUE attwali.

deċiżjoni preliminari mressqa quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, żieda li kienet ħafna ikbar minn żieda proporzjonali maż-żieda fin-numru tal-Istati Membri (u tal-Imħallfin fil-Qorti tal-Ġustizzja). Filwaqt li, matul l-2003, tressqu 210 talbiet lill-Qorti tal-Ġustizzja mill-qrati tal-ħmistax-il Stat li dak iż-żmien kienu jifformaw l-Unjoni Ewropea, fl-2016 it-talbiet li tressqu mill-qrati tat-tmienja u għoxrin Stat Membru kienu jilħqu n-numru ta' 470, jiġifieri iktar mid-doppju tan-numru tar-rinviji għal deċiżjoni preliminari magħmula tlettax-il sena qabel u mhux inqas minn żewġ terzi tal-kawżi kollha mressqa quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja matul is-sena li għaddiet. Din it-tendenza ta' żieda, li hija kkonfermata minn qari tal-iktar statistiki ġudizzjarji reċenti [8] u li, probabbilment, ser tippersisti fid-dawl tal-intensifikazzjoni tal-attività tal-leġiżlatur tal-Unjoni u, b'mod partikolari, fid-dawl tal-ħolqien tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew [9], teħtieġ għalhekk neċessarjament riflessjoni fil-fond dwar il-mod ta' kif din il-kategorija ta' kawżi tista' tiġi ttrattata bl-aħjar mod possibbli u tista' sservi ta' inċentiv sabiex terġa' titqajjem il-kwistjoni ta' jekk huwiex opportun li jsir trasferiment parzjali tal-kompetenza preliminari lill-Qorti Ġenerali.

**Vantaġġi u inkonvenjenti tal-attribuzzjoni lill-Qorti Ġenerali ta' ċerti rinviji preliminari**

Qabel kollox, u minn perspettiva strettament kwantitattiva, huwa evidenti li t-trasferiment, lill-Qorti Ġenerali, tal-kompetenza sabiex tisma' domandi preliminari f'oqsma speċifiċi ddeterminati mill-Istatut ma jistax ħlief iħaffef mekkanikament il-volum ta' xogħol tal-Qorti tal-Ġustizzja. Tali trasferiment jista' jitqies li ma huwiex ser jaffettwa l-kapaċità tal-Qorti Ġenerali li tittratta l-kawżi tagħha stess peress li din issa għandha riżorsi li mhux biss jippermettulha tindirizza l-istokk ta' kawżi pendenti, iżda wkoll li tittratta f'kundizzjonijiet tajbin il-kawżi kollha mressqha quddiemha [10].

Madankollu, għandu jittieħed inkunsiderazzjoni l-fatt li r-riforma tal-arkitettura ġudizzjarja għadha għaddejja u għadha ma pproduċietx l-effetti kollha tagħha, f'kuntest ikkaratterizzat,

---

[8] Ara ċ-ċifri li jinsabu annessi ma' dan ir-rapport.

[9] Ara, f'dan ir-rigward, ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939 tat-12 ta' Ottubru 2017 li jimplimenta kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (ĠU L 283, 31 ta' Ottubru 2017, p.1 ).

[10] Fil-mument li nkiteb dan ir-rapport, il-Qorti Ġenerali kellha fil-fatt 46 Imħallef. Imħallef wieħed, li jifforma parti mill-ewwel fażi tar-riforma tal-arkitettura ġudizzjarja deċiża fl-2015, kien għad irid jinħatar, filwaqt li t-tielet fażi ta' din ir-riforma għandha twassal għaż-żieda ta' disa' Mħallfin supplimentari fl-1 ta' Settembru 2019, sabiex b'hekk in-numru totali ta' Mħallfin fil-Qorti Ġenerali jiżdied għal 56 (numru li, madankollu, ser isir 54 fil-każ li r-Renju Unit joħroġ mill-Unjoni Ewropea).

fil-każ tal-Qorti Ġenerali wkoll, minn żieda kunsiderevoli fin-numru tal-kawżi mressqa u pendenti [11]. Barra minn hekk, it-trasferiment ikkunsidrat ma huwiex mingħajr inkonvenjenti.

L-ewwel kwistjoni li jqajjem it-trasferiment lill-Qorti Ġenerali ta' parti mir-rinviji għal deċiżjoni preliminari hija dik dwar liema "oqsma speċifiċi" għandhom jiġu attribwiti lilha. *Prima facie*, dan il-kompitu jidher li huwa relattivament ħafif peress li jinvolvi l-identifikazzjoni ta' oqsma tekniċi li huma pjuttost qrib il-kawżi quddiem il-Qorti Ġenerali, li taw lok għal ġurisprudenza antika u stabbilita, u li jirrappreżentaw għall-Qorti Ġenerali kawżi "ta' volum kbir". F'dan ir-rigward wieħed jista' jsemmi l-kwistjonijiet doganali jew tariffarji, jew il-kwistjonijiet li jikkonċernaw is-sigurtà soċjali jew il-fiskalità indiretta. B'hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja tkun tista' tiffoka fuq oqsma li wieħed jista' jqis li huma "essenzjali", bħaċ-ċittadinanza tal-Unjoni, l-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, is-suq intern jew l-integrazzjoni ekonomika u monetarja.

Madankollu, ir-realtà hija ferm iktar kumplessa. It-talbiet għal deċiżjoni preliminari jistgħu jirrigwardaw kemm oqsma tekniċi u kemm l-interpretazzjoni ta' dispożizzjonijiet fundamentali tat-Trattati jew ta' att leġiżlattiv. Bil-kontra, talbiet li jidhru insinjifikanti jew tekniċi jistgħu jqajmu kwistjonijiet ta' prinċipju jew ta' natura trażversali, marbuta mal-awtur tat-talba għal deċiżjoni preliminari jew mas-suġġett tagħha, li jkunu jeħtieġu deċiżjoni ta' prinċipju esklużivament mill-Qorti tal-Ġustizzja [12]. Trasferiment, anki parzjali, tal-kompetenza preliminari lill-Qorti Ġenerali jeħtieġ għalhekk li jkunu previsti miżuri konkreti għall-implementazzjoni tal-Artikolu 256(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea sabiex jiġu evitati r-riskji ta' approċċ diverġenti fir-rigward tat-trattament ta' dawn id-domandi, li jdaħħal inkwistjoni ċ-ċertezza legali u l-fiduċja li għandhom fl-istituzzjoni l-qrati nazzjonali u l-individwi.

Dawn ir-riskji ta' diverġenzi huma dovuti wkoll għall-fatt li l-Qorti Ġenerali organizzat ruħha, sa mill-ħolqien tagħha, sabiex titratta rikorsi diretti, ippreżentati minn persuni fiżiċi jew ġuridiċi, minn Stati Membri jew mill-Istituzzjonijiet tal-Unjoni, u mhux sabiex tittratta rinviji għal deċiżjoni preliminari magħmula minn qrati nazzjonali. Issa, il-mod ta' kif jiġu ttrattati dawn iż-żewġ kategoriji ta' kawżi huwa fundamentalment differenti sa fejn ir-rinviji għal

[11] Matul l-ewwel għaxar xhur ta' din is-sena, xejn inqas minn 799 kawża ġdida tressqu quddiem il-Qorti Ġenerali u n-numru ta' kawżi pendenti quddiem din il-qorti kien jammonta, fil-31 ta' Ottubru 2017, għal 1 535 kawża.

[12] Dan ikun il-każ, pereżempju, f'diversi rinviji għal deċiżjoni preliminari magħmula fil-qasam tal-fiskalità. Ma huwiex rari li talbiet għal deċiżjoni preliminari dwar l-interpretazzjoni ta' dispożizzjonijiet speċifiċi tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 347, 11 ta' Diċembru 2006, p. 1) jew tad-Direttiva 77/388/KEE, imħassra minnha, ikunu jinkludu domandi li jirrigwardaw kunċetti tant fundamentali bħalma huwa l-abbuż ta' dritt. Bħala eżempju wieħed jista' jsemmi l-kawża Åkerberg Fransson (C-617/10, EU:C:2013:105), li essenzjalment kienet kawża dwar it-taxxa fuq il-valur miżjud iżda li wasslet lill-Qorti tal-Ġustizzja tagħti sentenza ta' prinċipju dwar il-kamp ta' applikazzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

deċiżjoni preliminari huma kkaratterizzati b'mod partikolari mill-involviment ta' numru kbir ħafna ta' atturi u mill-użu tal-lingwi uffiċjali kollha matul il-proċedura. Barra minn hekk, l-awtorità tas-sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja fuq talba għal deċiżjoni preliminari hija marbuta b'mod partikolari mal-fatt li kull kawża tiġi eżaminata mill-Imħallfin u mill-Avukati Ġenerali kollha qabel ma tiġi assenjata lil kulleġġ ġudikanti fid-dawl tad-diffikultà tagħha.

Huwa minnu li l-awturi tat-Trattat stabbilixxew ċerti garanziji. L-Artikolu 256(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jipprevedi l-ewwel nett il-possibbiltà, għall-Qorti Ġenerali, li tastjeni mill-kawża mressqa quddiemha meta tqis li din teħtieġ deċiżjoni ta' prinċipju li tista' taffettwa l-unità jew il-koerenza tad-dritt tal-Unjoni. L-imsemmi artikolu jipprevedi wkoll proċedura ta' "eżami mill-ġdid", li tikkonsisti fil-possibbiltà, għall-Qorti tal-Ġustizzja, li teżamina mill-ġdid id-deċiżjonijiet mogħtija mill-Qorti Ġenerali fuq domandi preliminari, fil-kundizzjonijiet u fil-limiti previsti fl-Istatut. Madankollu, ċerti diffikultajiet ma jistgħux jiġu evitati.

Fil-fatt, jista' jkun biss fi stadju relattivament avvanzat tal-proċedura, meta l-kawża tiżvela l-kumplessità kollha tagħha – jew id-dimensjoni kostituzzjonali tagħha – li din il-kawża tintbagħat quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, b'tali mod li t-tul tal-proċedura jġarrab dewmien sinjifikattiv minħabba l-eżami suċċessiv tal-kawża minn żewġ qrati distinti. Għaldaqstant, dan id-dewmien jista' jwassal sabiex il-qrati nazzjonali jaħsbuha darbtejn qabel iressqu talba quddiem il-Qorti Ġenerali, anki jekk ikollhom quddiemhom problema reali marbuta mal-interpretazzjoni jew mal-validità tad-dritt tal-Unjoni. Issa, it-tul prevedibbli tal-proċedura għal deċiżjoni preliminari quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja jikkostitwixxi, għall-qorti nazzjonali, informazzjoni essenzjali sa fejn il-proċedura għal deċiżjoni preliminari hija żvilupp addizzjonali għall-proċedura nazzjonali.

L-eżami mill-ġdid mill-Qorti tal-Ġustizzja ta' eventwali sentenzi preliminari tal-Qorti Ġenerali lanqas ma jidher li huwa ta' natura li jevita l-inkonvenjenti ta' trasferiment. Minkejja t-titjib introdott fl-iżvolġiment tal-proċedura ta' eżami mill-ġdid permezz tar-Regoli tal-Proċedura l-ġodda tal-Qorti tal-Ġustizzja, li daħlu fis-seħħ fl-1 ta' Novembru 2012, għandu jitfakkar li sabiex tinfetaħ din il-proċedura huma meħtieġa kundizzjonijiet pjuttost stretti sa fejn din il-proċedura tista' tinfetaħ biss, fil-kundizzjonijiet u fil-limiti previsti fl-Istatut, fil-każ ta' "riskju serju ta' preġudizzju għall-unità jew il-koerenza tad-dritt ta' l-Unjoni". Għaldaqstant, sakemm ma tiġix żnaturata kompletament il-funzjoni ta' din il-proċedura u sakemm ma jiġux eżaminati mill-ġdid id-deċiżjonijiet kollha mogħtija mill-Qorti Ġenerali fuq talba għal deċiżjoni preliminari – approċċ dan iżda li jċaħħad minn kull effett il-benefiċċji potenzjali ta' trasferiment parzjali tal-kompetenza preliminari lill-Qorti Ġenerali, kemm f'termini ta' tħaffif tal-volum tax-xogħol tal-Qorti tal-Ġustizzja u kemm f'termini ta' effikaċja u ta' tul tat-trattament tat-talbiet għal deċiżjoni preliminari –, il-proċedura ta' eżami mill-ġdid ma toffrix

rimedju effikaċi għal approċċi diverġenti li jista' jkun hemm fil-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja u tal-Qorti Ġenerali [13].

**Konklużjoni**

Minkejja li ma hemmx dubju li jistgħu jinstabu tweġibiet għal dawn id-diversi dubji, għandu jiġi kkonstatat li l-interessi inkwistjoni huma fundamentali u li l-implementazzjoni ta' mekkaniżmi adegwati li jippermettu li jitħares ir-rwol tar-rinviju għal deċiżjoni preliminari bħala l-"element ċentrali" tas-sistema ġudizzjarja tal-Unjoni hija operazzjoni estremament delikata.

Fis-sitwazzjoni attwali, fejn it-talbiet għal deċiżjoni preliminari mressqa quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja jiġu ttrattati b'ħeffa u fejn id-djalogu mibni mal-qrati tal-Istati Membri qatt ma kien daqstant intens daqs kemm huwa attwalment, ma jidhirx li huwa opportun, f'dan l-istadju, li jsir trasferiment lejn il-Qorti Ġenerali ta' kompetenzi li jkopru tali talbiet. Dan jgħodd, iktar u iktar, fil-kuntest attwali li huwa kkaratterizzat minn żieda fin-numru ta' kawżi mressqa quddiem il-Qorti Ġenerali u mill-ħtieġa, għal din tal-aħħar, li tirriorganizza ruħha u li taġġusta l-metodi ta' ħidma tagħha.

F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Qorti tal-Ġustizzja tqis li, f'dan l-istadju, ma hemmx lok li tipproponi emenda tal-Istatut tagħha sabiex tiġi ttrasferita lill-Qorti Ġenerali parti mill-kompetenza li hija teżerċita fir-rigward tat-talbiet għal deċiżjoni preliminari.

Madankollu, huwa meħtieġ li nkunu ċari ħafna fuq dan il-punt essenzjali: din il-pożizzjoni bl-ebda mod ma għandha tinftiehem fis-sens li hija pożizzjoni definittiva dwar il-kwistjoni tat-tqassim tal-kompetenza preliminari bejn il-Qorti tal-Ġustizzja u l-Qorti Ġenerali. Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja tqis li trasferiment parzjali ta' din il-kompetenza lill-Qorti Ġenerali ma jistax jiġi kkunsidrat qabel l-adozzjoni ta' miżuri oħra.

Minn naħa, fil-fatt, il-Qorti tal-Ġustizzja ser tkompli ssegwi b'attenzjoni l-iżvilupp fin-numru ta' talbiet għal deċiżjoni preliminari u t-tul neċessarju għat-trattament tagħhom. Il-possibbiltà ta' trasferiment ulterjuri ta' kompetenza, fil-qasam tat-talbiet għal deċiżjoni preliminari, ma tistax tiġi eskluża, f'ċerti oqsma speċifiċi, jekk in-numru u l-kumplessità tat-talbiet għal deċiżjoni preliminari mressqa quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja jsiru tali li tali trasferiment ikun meħtieġ għall-finijiet ta' amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja. F'tali każ, ser ikun meħtieġ li jiġu emendati r-regoli proċedurali tal-Qorti Ġenerali sabiex jiġu previsti modalitajiet għat-trattament tal-kawżi li jkunu adegwati għan-natura u għall-aspetti speċifiċi

[13] Huwa essenzjali li wieħed iżomm f'moħħu li d-deċiżjonijiet mogħtija fuq talbiet għal deċiżjoni preliminari għandhom awtorità interpretattiva ġenerali, li tmur lil hinn mill-kuntest tat-tilwima li tkun wasslet għat-tressiq tat-talba quddiem il-qorti tal-Unjoni.

tar-rinviji għal deċiżjoni preliminari u sabiex jiġu evitati, kemm jista' jkun possibbli, ir-riskji msemmija iktar 'il fuq marbuta mad-diverġenzi fil-ġurisprudenza.

Min-naħa l-oħra, il-kuntest li fih twettqet ir-riforma tal-arkitettura ġudizzjarja tal-Unjoni Ewropea wassal lill-Qorti tal-Ġustizzja u lill-Qorti Ġenerali sabiex janalizzaw il-kompetenzi kollha li huma jeżerċitaw attwalment bil-għan li jeżaminaw jekk, irrispettivament minn eventwali bidla fit-tqassim tal-kompetenzi fil-qasam tad-domandi preliminari, hemmx bidliet oħra li jistgħu jsiru fir-rigward ta' dan it-tqassim, b'mod partikolari fir-rigward tat-trattament tar-rikorsi diretti u, fil-każ tal-Qorti tal-Ġustizzja, fir-rigward tat-trattament tal-appelli. Ir-riflessjonijiet li qegħdin isiru dwar dawn il-punti jinsabu fi stadju avvanzat ħafna u probabbilment ser iwasslu, fl-2018, għall-formulazzjoni ta' proposti li ser ikollhom jiġu attwati kemm permezz ta' emenda tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea u kemm permezz ta' emenda tar-Regoli tal-Proċedura taż-żewġ qrati.

<u>Dokument anness</u>: Ħarsa lejn il-kawżi mressqa quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja bejn l-1 ta' Jannar u l-31 ta' Ottubru 2017

## Kawżi mressqa – Tip ta’ rikors (2017)

*mill-01/01/2017 sal-31/10/2017*




| Tip ta’ rikors | Jan. | Fra. | Mar. | Apr. | Mej. | Ġun. | Lul. | Aww. | Set. | Ott. | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Rinviji għal deċiżjoni preliminari | 36 | 43 | 43 | 44 | 85 | 52 | 46 | 42 | 28 | 36 | 455 |
| Rikorsi għal annullament | | 1 | 1 | | 1 | | | 1 | | 1 | 5 |
| Rikorsi għal nuqqas ta’ Stat li jwettaq obbligu | | 2 | 3 | 4 | 3 | 6 | 6 | 4 | 4 | 4 | 36 |
| Appelli | 12 | 12 | 8 | 16 | 11 | 9 | 12 | 13 | 18 | 3 | 114 |
| Appelli dwar miżuri provviżorji jew interventi | | | | 2 | | | 1 | | 2 | | 5 |
| **Total *interim*** | **48** | **58** | **55** | **66** | **100** | **67** | **65** | **60** | **52** | **44** | **615** |
| Talbiet għal opinjoni | | | | | | | | | 1 | | 1 |
| Proċeduri partikolari | | 1 | 2 | | | 4 | 3 | 2 | | | 12 |
| **Total *interim*** | | **1** | **2** | | | **4** | **3** | **2** | **1** | | **13** |
| **Total** | **48** | **59** | **57** | **66** | **100** | **71** | **68** | **62** | **53** | **44** | **628** |